MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2006

Numru. 28/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**
v

**DANNY PETER PAUL PACE**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **DANNY PETER PAUL PACE** ta’ hamsa w ghoxrin sena bin Saviour u Mary nee Portelli, imwieled l-Kanada nhar s-sitta w ghoxrin ta’ Settembru 1979 u residenti 48, Pjazza San Pietru u San Pawl, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 171391M, gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli matul l-lejl bejn t-tmienja w d-disgha ta’ Jannar 2004, fix-Xaghra, Ghawdex, ikkommetta serq ta’zewg seats w oggetti ohra minn vettura tal-ghamla

Maruti Jeep bin-numru ta' registrazzjoni DBJ 863 ghad-dannu ta' Michael Paul Bajada liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa.

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, f'Malta, xjentement laqa ghandu jew xtara jew laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex jbieghhom jew imexxihom u cioe zewg seats w oggetti ohra minn vettura tal-ghamla Maruti Jeep bin-numru ta' registrazzjoni DBJ 863 ta' valur li ma jeccedix l-mitt lira maltin ghad-dannu ta' Michael Paul Bajada;

3. Talli fl-istess dat, hin, lok u cirkostanzi ghamel hsara voluntarja ghad-dannu ta' Michael Paul Bajada, liema hsara tiskorri l-ghaxar liri maltin izda inqas minn hamsin lira maltin.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond l-ligi f'kaz ta'htija, tordna lill-imputat jhallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat hamsa ta' Lulju 2005 esibit bhala dokument CSH a fol 3 tal-atti processwali sabiex din l-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-ezami li sar lilu nhar t-tnejn ta' Frar 2006 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tnejn ta' Frar 2006, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet lil Prosekuzzjoni tghid li hija akkuzat lil imputat bir-reat ta' ricettazzjoni bhala akkuza altrernattiva ghal akkuza ta' serq.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu salv u b'eccezzjoni ghall-akkuza ta' ricettazzjoni, mill-liema akkuza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri.

Semghet lil Prosekuzzjoni tghid li l-imputat irritorna r-res furtiva kollha konsistenti f'zewg seats tal-karozza u crow bar kif murija fir-ritratt esibit w immarkat bhala dokument CSH 5.

Rat li l-valur tas-seats [second hand] in kwistjoni kien jammonta ghal tmenin lira maltin kif jirrizulta mid-dokument CSH 8 u li l-hsara sofferta minn Michael Paul Bajada fil-vettura tieghu tal-ghamla Maruti Jeep bin-numru ta' registrazzjoni DBJ 863 tammonta ghal erbghin lira maltin kif jirrizulta mid-dokument CSH 7.

Semghet lil istess Michael Paul Bajada jiddikjara fis-seduta tat-tnejn ta' Frar 2006 li huwa hafer lil imputat ghal dak kollu li ghamel fil-konfront tieghu w inoltre, iddikjara li m'ghandux pretenzjonijiet ulterjuri kontra tieghu.

**Dwar il-piena,** l-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u cioe dakinhar li gew mahlufa l-akkuzi u li b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz;

3. Li r-res furtiva giet ritornata kollha;

4. Il-mahfra nkondizzjonata tad-derubat fil-konfront tal-imputat u li llum l-gurnata m'ghandu l-ebda pretenzjoni fil-konfront tieghu;

5. L-ammont qua valur tas-serq kien zghir u cioe fl-ammont ta' tmenin lira u li l-ammont qua valur tal-hsara wkoll de minimis ta' erbghin lira;

6. Il-fedina penali tal-imputat relattivament nadifa b'reat wiehed biss registrat fuqha fis-sena 2002 meta nstab hati fuq reati naxxenti mill-legislazzjoni dwar kacca w insib meta gie kkundannat ihallas multa ta' mija u hamsin lira.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet **il-Qorti**, wara rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 261, 270, 271(g), 281, 334 u 325(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li <u>ssib lil imputat DANNY PETER PAUL PACE hati tal-akkuza kollha salv u b'eccezzjoni ghal akkuza ta' ricettazzjoni</u> u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes ta' periti nominati f'din l-kawza, il-Qorti rat li ma gew nominati ebda periti jew esperti w ghalhekk, qed tastjeni millli tiehu konjizzjoni ta' tali talba.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lil imputat wara li spjegat fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------